Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 5/2017

**Bonnici Brothers Limited**
**(appellata)**

**Vs**

**Direttur tal-Kuntratti**
**(appellant)**

30 ta' Jannar, 2020.

1. **Din is-sentenza tirreferi għall-appell tad-Direttur tal-Kuntratti minn deċiżjoni tal-arbitraġġ bin-numru 2090/2009 li ngħatat fit-28 ta' Novembru 2016.**

2. Quddiem it-Tribunal tal-Arbitraġġ:

2.1. Permezz ta' Avviż ta' Arbitraġġ u Talba bil-miktub tal-24 ta' Settembru 2009 is-soċjetà rikorrenti (appellata) ippremettiet li ngħatat il-kuntratt bin-numru CTNotice:190/2005 bl-isem ***"Contract for the Loading and Transporting of Stored Inert Material (Enabling Works) Within the Magħtab Waste Management Complex l/o Naxxar and the Qortin Landfill, l/o Xagħra Gozo".*** Tgħid li l-kuntratt ġie ffirmat mill-partijiet odjerni filwaqt li *WasteServ Malta Ltd* kienet il-benefiċjarja. Kompliet tgħid li sussegwentement, din tal-aħħar ordnat numru ta' varjazzjonijiet fil-kuntratt b'mod li nbidlu totalment in-natura u l-volum tax-xogħol oriġinarjament pattwiti. Issostni li wara li kienet wettqet madwar terz tax-xogħol, hija ssottmettiet *claim* formali datata 15 ta' Diċembru 2006 għal *extras* u *variations* lid-Direttur tal-Kuntratti u talbitu żieda ta' Lm0.951, ekwivalenti għal €2.215, għal kull metru kubu ($m^3$). Tgħid li minkejja li d-Direttur intimat ħatar sotto-kumitat biex jevalwa din it-talba, l-istess ġiet miċħuda għal raġunijiet proċedurali, ossija, għaliex l-istess rikjesta ma kinitx ġejja mill-*WasteServ Malta Ltd.* Tikkontendi li din il-motivazzjoni hija skorretta għaliex iċċaħħadha minn kull kumpens spettanti lilha meta tali

varjazzjonijiet ġew ikkonfermati mill-Inġinier Aurelio Attard waqt is-seduta tas-*sotto kumitat* tal-20 ta' Settembru 2007*.* Talbet għalhekk lit-Tribunal tal-Arbitraġġ dikjarazzjoni fis-sens illi d-Direttur intimat għandu jħallasha s-somma ta' miljun, mija u sebgħa u erbgħin elf tliet mija u sebgħin Ewro (€1,147,370) rappreżentanti żieda dovuta lilha u l-konsegwenti kundanna għall-ħlas tal-istess bl-ispejjeż u l-interessi relattivi.

2.2. L-intimat wieġeb illi (i) it-talba tas-soċjetà rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt; u (ii) r-rikorrenti m' għandha l-ebda dritt titlob dan il-ħlas mingħandu. Huwa ċaħad kategorikament li kien hemm xi tibdil fin-natura tax-xogħol li Bonnici Brothers Ltd kellhom jagħmlu u ċaħad ukoll li l-kwantità tax-xogħol żdiedet b'mod sproporzjonat kif allegat mir-rikorrenti stante li x-xogħlijiet li effettivament twettqu eċċedew dawk indikati fil-kuntratt biss f'persentaġġ żgħir ħafna. Filwaqt li rrefera għall-klawżoli 3 u 4 tal-kundizzjonijiet ġenerali tal-kuntratti, b'referenza għall-klawżola 6(i) tal-istess saħaq li r-rikorrenti ma segwietx il-proċedura idoneja sabiex tressaq il-pretensjonijiet tagħha għall-ħlas żejjed u għalhekk huwa ma setgħatx jikkunsidra t-talba tagħha. Jispeċifika ukoll li apparti l-kuntratt in kwisjoni, ir-rikorrenti kienet ingħatat *direct contract* ieħor fuq approvazzjoni tal-Minsiteru tal-Finanzi. Jgħid ukoll li l-ħatra ta' sotto-kumitat *ad hoc* biex jgħinu jiżen it-talba tar-rikorrenti ma jistonax mad-deċiżjoni finali li ħa.

2.3. Permezz ta' provvediment mogħti fit-23 ta' Settembru 2011, it-Tribunal ċaħad it-talba tal-intimat għall-kjamata in kawża tas-soċjetà *WasteServ Malta Limited*.

2.4. Permezz ta' deċiżjoni finali tat-28 ta' Novembru 2016 fiċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ, it-Tribunal iddeċieda billi ċaħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat, laqa' it-talbiet tas-soċjetà rikorrenti *in parte* u konsegwentement ikkundanna lid-Direttur tal-Kuntratti iħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' miljun u tnejn u ħamsin elf, mija u tmenin Ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€1,052,180.66) flimkien mal-imgħax legali mis-16 ta' Novembru 2009 sal-jum tal-effettiv pagament, bl-ispejjeż tal-Arbitraġġ abbażi tat-taxxa annessa mad-deċiżjoni u markata 'Dokument TR' kontra l-istess intimat.

3. L-intimat appella mid-deċiżjoni finali b'rikors li ppreżenta fl-1 ta' Frar, 2017. Permezz ta' nota datata 2 ta' Mejju 2019, ippreżentata skont id-digriet mogħti minn din il-Qorti fl-10 ta' April 2019, fil-qasir spjega l-aggravji tiegħu:

i. l-**ewwel aggravju** huwa dwar l-illeġittimità passiva tad-Direttur tal-Kuntratti. L-ilment ewlieni hu li ma kellux ikun ikkundannat iħallas flejjes żejda lill-kumpannija appellata minħabba xogħlijiet imwettqa f'appalt dwar tneħħija u ġarr ta' skart mill-kumpless għat-trattament tal-iskart fil-Magħtab u mill-*landfill* tal-Qortin, Għawdex. Dan għaliex għalkemm huwa minnu li skont ir-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi, fis-seħħ dak iż-żmien, kien ħa ħsieb il-proċess li wassal għall-għoti tal-appalt pubbliku (bin-numru ta' riferenza CT 190/2005) lill-kumpannija appellata, madanakollu ma kienx hu li kien qiegħed jixtri s-servizz mingħand l-istess kumpannija u lanqas ma kien hu li kien qiegħed jaġixxi bħala appaltant tal-ftehim tax-xogħol mogħti lill-appellata. Igħid li huwa ma ffirma l-ebda kuntratt f'ismu mal-appellata;

ii. it-**tieni aggravju** huwa dwar il-fatt li hu ma jistax iwieġeb għal xogħlijiet żejda ordnati minn *WasteServ Malta Ltd* għal fuq in-*northern toe* tal-Magħtab. Dawn ix-xogħlijiet ma kienux imdaħħla fl-appalt mertu tas-sejħa 190/2005, iżda kienu xogħlijiet barranija li ġew ordnati minn *WasteServ Malta Limited* għal rashom, bl-approvazzjoni tal-Ministeru tal-Finanzi bħala *direct order* u mhux bl-approvazzjoni tad-Direttur tal-Kuntratti. Billi għalhekk dawn ix-xogħlijiet kienu jaqgħu barra mill-appalt, mertu tas-sejħa 190/2005, li kien suġġett għal klawżola arbitrali, it-Tribunal tal-Arbitraġġ ma setax iqishom fid-deċiżjoni finali tiegħu. Ifisser dan, li mis-somma finali ta' €1,052,180.66 likwidata mit-Tribunal tal-Arbitraġġ fuq xogħol ta' 518,000m$^3$, kellha titnaqqas is-somma ta' €298,591.81 li tirrappreżenta il-valur tax-xogħol fl-ammont ta' 147,000m$^3$ li twettaq fin-*nothern toe* tal-Magħtab li ma kienx jidħol fil-klawżola arbitrali;

iii. it-**tielet aggravju** huwa dwar il-fatt li t-Tribunal tal-Arbitraġġ ordna li jingħata kumpens żejjed lill-kumpannija appellata għal xogħol li ma kien żejjed xejn iżda li ġa kien imsemmi fl-appalt oriġinali, skont it-taqsima 3.0 u l-Appendiċi A tad-dokument tas-sejħa; u

iv. ir-**raba' aggravju** huwa mibni fuq l-argument li l-kumpannija appellata ma setgħetx tfittex għall-kumpens żejjed, għaliex tneħħi x-xogħol barrani marbut man-*nothern toe* tal-Magħtab, qatt ma saret ebda talba jew ordni mill-awtoritajiet pubbliċi għat-twettieq ta' xogħol żejjed skont il-klawżola 4 tal-*General Conditions of Contract for the Execution of Works in Malta.* Imma wkoll kieku stess kien hemm tali talba jew ordni għal xogħol żejjed, il-kumpannija appellata ma ressqet l-ebda talba għal ħlas żejjed skont l-imsemmija klawżola 4 qabel bdiet u lestiet dawn ix-xogħlijiet allegatament

addizzjonali. F'dan is-sens, it-Tribunal tal-Arbitraġġ ma mexiex tajjeb li njora l-klawżola li hemm fil-ftehim tal-appalt, għaliex b'hekk ġie li biddel wieħed mill-elementi tal-ftehim tal-appalt, bi ksur tal-prinċipji ta' trasparenza, kompetizzjoni ġusta u trattament indaqs li skont il-liġi u l-ġurisprudenza tal-Unjoni Ewropea u ta' Malta jsawwru kuntratti pubbliċi.

4. L-appellata wieġbet illi l-appell għandu jkun miċħud kemm proċeduralment għaliex mhux proponibbli, u fin-nuqqas peress li d-deċiżjoni hi fattwalment u legalment ġusta.

**Konsiderazzjonijiet.**

5. Il-qorti ser tibda billi tagħmel riferenza għal dak li qalet din il-qorti fis-sentenza **Aluserv Limited vs Awtorita Marittima ta' Malta** tad-9 ta' Mejju, 2008:-

*"Fuq il-konsiderazzjoni tal-mertu ta' l-appell tinhass il-htiega li, qabel kull osservazzjoni ohra, il-Qorti tfakkar illi skond it-termini precizi ta' l-Artikolu 70A, kif ulterjorment supplimentat bis-subinciz (3) ta' l-istess artikolu, is- sindakar minn din il-Qorti jista` biss jigi sollecitat "fuq punt ta' ligi li jitnissel minn decizjoni finali". Dan, inter alia, fis- sens illi din il-Qorti trid tkun sodisfatta illi d-decizjoni dwar il-punt ta' ligi "taffettwa sostanzjalment id-drittijiet ta' wahda jew aktar mill-partijiet" (inciz 3a)* ***u*** *fuq il-fatti accertati d-decizjoni ta' l-Arbitru dwar il-punt ta' ligi "hija prima facie miftuha ghal dubbju serju" (inciz 3c);*

***Mill-mod kif koncepit id-dritt ta' l-appell lil din il-Qorti fl-imsemmi Artikolu 70A, jidher li l-Att ta' l-1996 dwar l-Arbitragg (Kapitolu 387) segwa l-volonta` legislattiva gja dettata f'certi ligijiet specjali ohra****. Ad ezempju, l-Artikolu 15 (2) ta' l-Att 1 ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp. Mill-punto di vista pratiku-kazistiku dan l-ahhar provvediment gie mfisser illi "din il-Qorti tista' tirrevedi biss (sottlinejar tal-Qorti) kwistjonijiet dwar punt ta' dritt li jkunu decizi mill-Bord. Dan ifisser li m' hemmx appell fuq kwestjonijiet ta' fatt, fuq kwistjoni ta' apprezzament ta' provi. M' hemmx dritt ta' appell lanqas fuq punti ta' ligi sakemm dawn ma jkunux espressament decizi fid- decizjoni appellata ... ... ... Biex l-appell ikun ammissibbli, il-kwestjoni trid tkun necessarjament dwar kwistjoni ta' dritt, li tkun qamet kontroversja dwarha, li tkun giet diskussa u elucidata fil-motivazzjoni u li tkun giet definita fid-decizjoni appellata". (Ara "****Emanuel Mifsud -vs- Il- Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp****", Appell, 31 ta' Mejju, 1996; "****Zaren Camilleri -vs- L-Awtorita` ta' l- Ippjanar****", Appell, 28 ta' Frar, 1997 u "****Charles Farrugia - vs- L-Awtorita` ta' l-Ippjanar****", Appell, 20 ta' Marzu, 1998, fost ohrajn)";*

6. Mill-artikolu 70A il-qorti tifhem li mhux kull punt ta' liġi hu appellabbli. Ir-rekwiżiti li jissemmew f'subinċiż (3) sabiex din il-qorti tikkunsidra l-appell, huma kumulattivi u ma jeżistux b'mod indipendenti minn xulxin. Il-punt ta' liġi irid ikun ġie deċiż mit-Tribunal tal-Arbitraġġ.

7. Permezz tal-**ewwel aggravju** l-appellant jilmenta li t-Tibunal interpreta ħażin kemm l-artikolu 181B(1)(ċ) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll ir-

Regolamenti 5(2)(l) u (m) tal-Avviż Legali 299 tal-2003. Isostni li l-qari tajjeb ta' dawn l-artikoli fl-ispirtu tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi li kienu viġenti fiż-żmien in kwistjoni kellu jwassal lit-Tribunal tal-Arbitraġġ biex jeħilsu mill-ħarsien tal-ġudizzju. Jisħaq li ma kellux ikun ikkundannat iħallas flus żejda lill-kumpannija appellata minħabba xogħlijiet imwettqa f' appalt dwar tneħħija u ġarr ta' skart mill-kumpless għat-trattament tal-iskart fil-Magħtab u mill-*landfill* tal-Qortin, Għawdex. Dan inkwantu għalkemm huwa minnu li skont ir-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi fis-seħħ dak iż-żmien huwa kien ħa ħsieb il-proċess li wassal għall-għoti tal-appalt pubbliku bin-numru ta' riferenza CT 190/2005 lill-kumpannija appellata, madanakollu, ma kienx hu li kien qiegħed jixtri s-servizz mingħand l-istess kumpannija u lanqas ma kien hu li kien qiegħed jaġixxi bħala appaltant tal-ftehim tax-xogħol mogħti lill-appellata. Iżid igħid li huwa ma ffirma l-ebda kuntratt f'ismu mal-appellata. Dak li ġara kien iżda li fil-31 ta' Mejju 2005, fuq talba tal-kumpannija *WasteServ Malta Limited*, id-Dipartiment tal-Kuntratti kien ħabbar sejħa għall-offerti għall-kuntratt pubbliku in kwistjoni u mat-tmiem tal-proċess ta' evalwazzjoni, permezz ta' ittra datata 1 ta' Diċembru 2005, f'isem il-Gvern ta' Malta bagħat jgħarraf lill-kumpannija appellata li l-offerta tagħha kienet qed tiġi aċċettata.

8. L-appellata da parti tagħha wieġbet li l-aggravju hu essenzjalment eċċezzjoni li d-Direttur tal-Kuntratti ma kienx leġittimu kontradittur, liema eċċezzjoni qatt ma tqajjmet b' mod formali fil-prim' istanza u għalhekk tikkontendi li tali kwistjoni mhux appellabbli a tenur tal-artikolu 70A(3)(b) tal-Kap. 387 tal-Liġijiet ta' Malta. Tgħid li apparti dan, il-fatt li Tribunal ikkonkluda li d-Direttur appellant huwa leġittimu kontradittur, hija l-unika konklużjoni loġika li seta' jasal għaliha. Tikkontendi li l-kuntratt tal-appalt ġie ffirmat bejnha u l-appellantt u ħadd aktar, u l-appellant ma ddikjarax li ma kienx qiegħed jikkuntratta għalih innifsu, anżi ffirma f' ismu proprju. Apparti l-fatt li kien l-appellant innifsu li waqqaf sotto-kumitat sabiex jeżamina mil-lat tekniku t-talba tagħha, u kien hu stess li ta l-kunsens li jsiru proċeduri ta' arbitraġġ.

9. L-artikolu 70A(3) tal-Kap. 387 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li:

> *'(3) Il-Qorti tal-Appell għandha tikkunsidra l-appell biss jekk il-Qorti tkun sodisfatta –*
>
> *(a) li d-deċiżjoni dwar il-punt ta' liġi taffettwa sostanzjalment id-drittijiet ta' waħda jew iktar mill-partijiet;*
>
> *(b) li l-punt ta' liġi huwa wieħed li t-tribunal kien mitlub jiddeċiedi fuqu jew mod ieħor iddependa fuqu biex jasal għad-deċiżjoni;*

*(ċ) li fuq il-bażi ta' dak li jirriżulta mill-fatti fid-deċiżjoni, id-deċiżjoni tat-tribunal dwar il-punt ta' liġi hija prima facie miftuħa għal dubju serju; u*

*(d) li abbażi ta' reviżjoni tar-rikors, kull risposta u d-deċiżjoni, l-appell ma jidhirx li hu dilatorju u vessatorju,*

*u fil-każijiet l-oħra kollha il-Qorti għandha tiċħad l-appell.'*

10. Hu essenzjali li wieħed jiftakar li appell minn deċiżjoni ta' arbitaġġ tista' ssir fuq punt ta' liġi. Dritt li l-partijiet ma jidhirx li eskludew. Inoltre', jrid ikun punt ta' liġi tax-xorta kontemplata fl-Att dwar l-Arbitraġġ (Kap. 387). Mhux kull punt ta' liġi hu appellabbli.

11. Għalkemm fl-eċċezzjonijiet ma ssemmewx il-kliem leġittimu kontradittur, l-appellant ressaq id-difiża li, *"is-soċjeta rikorrenti m'għandha l-ebda dritt titlob dan il-ħlas mingħand l-eċċipjent u dan għar-raġunijiet fuq esposti".* Fid-dikjarazzjoni tal-fatti li tifforma parti mid-difiża tal-appellant, iddikjara li, *"... ħarġet sejħa għall-offerti u li s-soċjeta attriċi ingħatat il-kuntratt imsemmi minnha fid-dikjarazzjoni tat-talba. Dan sar permezz ta' Letter of Acceptance 335/2005 datata 1 ta' Diċembru 2005. Din l-ittra ħarġet mid-Direttur Ġenerali tal-Kuntratti għan-nom tal-Gvern. Il-benefiċjarja ta' dan il-kuntratt kienet WasteServ Malta Ltd (Waste Serv)".* Fid-deċiżjoni finali, it-Tribunal għadda mill-ewwel sabiex jikkunsidra u jiddeċiedi jekk l-appellant kienx il-leġittimu kontradittur. Osserva li għalkemm fl-eċċezzjonijiet ma kinitx daqstant ċara, xorta għadda biex jikkunsidraha u ddeċieda dwarha.

12. F'kull każ irrispettivament ingħatatx jew le eċċezzjoni formali li l-appellant m'huwiex leġittimu kontradittur, jibqa' l-fatt li d-deċiżjoni finali tal-arbitraġġ tinkludi deċiżjoni dwar jekk l-appellant huwiex leġittimu kontradittur (ara paġni 9 sa 11 tad-deċiżjoni). Stat ta' fatt li l-appellata ma tistax tibdel fl-istadju tal-appell.

13. Il-*contract of works* ingħata mill-Gvern ta' Malta. Għalih deher id-Diretturi tal-Kuntratti. Il-kumpannija WasteServ Malta Ltd hi wkoll tal-Gvern, u fid-dokument tat-tender tissemma wkoll.

14. Għalkemm l-appellant isostni li l-kuntratt ta' appalt ma kienx iffirmat, mhux hekk qal it-Tribunal tal-Arbitraġġ;

*"Illi* ***dan l-Arbitraġġ jirrigwarda kuntratt iffirmat bejn is-soċjeta rikorrenti u d-Direttur intimat****, intitolat 'Contract for the Loading and Transporting of Stored Inert Material (enabling Works) Within the Maghtab Waste*

*Management Complex l/o Naxxar and the Qortin Landfill, l/o Xagħra Gozo" – CT Notie: 190/2005, CT file number: CT2098/2005".*

15. Punti ta' fatt m'humiex appellabbli. F'kull każ il-qorti m'hijiex tifhem li xi ħadd mill-partijiet qiegħed isostni li l-klawżoli tal-kuntratt ma japplikawx minħabba li ma ffirmawx.

16. B'riferenza għall-ewwel aggravju l-appellant irrefera għal diversi disposizzjonijiet:-

**(i) L-artikolu 181B(1)(ċ) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta:**

*'181B. (1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni:*

*Iżda, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu:*

*(a) kawżi għall-ġbir ta' ammonti dovuti lill-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mill-Accountant General;*

*(b) kawżi li jinvolvu kwistjonijiet dwar impieg jew obbligu ta' servizz mal-Gvern jistgħu f'kull każ isirumis-Segretarju Permanenti Ewlieni;*

*ċ) **kawżi dwar kuntratti ta' provvista jew ta' appalt mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mid-Direttur tal-Kuntratti'**.*

**(ii) Ir-Regolamenti 5(2)(l) u (m) tal-Avviż Legali 299 tal-2003:**

*'(2) Kemm-il darba ma jiġix xort' oħra provdut f'dawn ir-regolamenti, id-Direttur tal-Kuntratti jkollu l-funzjoni li –*

*(l) **jipproċedi u jiddefendi kull proċediment ġudizzjarju jew ta' arbitraġġ li jistgħu jkunu meħtieġa dwar xi kuntratt mogħti minnu**;*

*(m) (i) joħroġ sejħat għal offerti u **<u>jagħti kuntratti</u>** perjodiċi għall-forniment ta' tagħmir, provvisti, xogħlijiet jew servizzi li jkunu ta' xorta ta' użu komuni għall-Awtoritajiet Kontraenti elenkati taħt Skeda 2; u*

*(ii) javża perjodikament lil Kapijiet ta' Dipartimenti bil-prezzijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu japplikaw, u l-proċedura li għandha tiġi adottata fl-akkwist ta' dak it-tagħmir, provvisti, xogħlijiet jew servizzi;*

*Iżda Kapijiet ta' Dipartimenti għandhom jakkwistaw dak it-tagħmir, provvisti, xogħlijiet jew servizzi direttament mingħand il-kuntrattur skond*

*dawk il-kundizzjonijiet u proċeduri li jkunu avżati mid-Direttur kif hawn provdut;'*

17. **Disposizzjoni identika qegħda fir-regolamenti introdotti bl-Avviż Legali 177 tal-2005.**

18. L-appellant jirreferi ukoll għar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi fl-**Avviż Legali 299 tal-2003**, partikolarment ir-**regolament 22**, li fil-*proviso* jipprovdi kif ġej:-

> *'Il-kuntratti pubbliċi kollha, li jkollhom valur stmat li jeċċedi Lm 20,000 imma ma jeċċedix il-limiti stabbiliti, jkunu soġġetti għall-funzjonijiet regolatorji u oħrajn tad-Dipartiment u tad-Direttur tal-Kuntratti:*
>
> *Iżda **kuntratti pubbliċi li jkunu meħtieġa mill-Awtorità Kontraenti elenkati fi Skeda 2 għandhom jinħarġu, jkunu amministrati u stabbiliti mid-dipartiment tal-Kuntratti, li għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti għandu jaġixxi f'isem l-Awtorità Kontraenti** ....'*

19. Fid-deċiżjoni finali intqal li:-

- l-offerta għat-*tender* in kwistjoni inħarġet mid-Direttur appellant f'Mejju tal-2005;
- l-appellata tat *bid bond* favur l-appellant meta għamlet l-offerta;
- kien l-appellant li fl-1 ta' Diċembru 2005 aċċetta l-offerta tal-appellata u mal-aċċettazzjoni nħolqot rabta kuntrattwali.

20. L-appellant jikkontendi għandu jkun parti f'arbitraġġi dwar kuntratti mogħtija minnu biss jekk l-għajn tal-kontestazzjoni tkun ġejja minn xi egħmil tiegħu. Isostni li skont ir-regolamenti dwar il-kuntratti pubbliċi huwa iġorr żewġt ikpiepel: (i) ta' mandatarju tal-awtorità kontraenti li jmexxi l-proċess tal-akkwist f'ismu kif imsemmi fir-regolament 22; u (ii) l-ieħor ta' regolatur fuq l-awtoritajiet kontraenti meta jkun hemm talbiet għall-varjazzjonijiet fil-kuntratt skont ir-regolament 98. Igħid li ladarba t-tilwima arbitrali ma nibtitx minn xi egħmil tiegħu, allura ma jagħmilx sens li jitħarrek hu.

21. L-avviż legali 299 tal-2003 u l-avviż legali 177 tal-2005 kienu ċari. Id-Direttur tal-Kuntratti għandu skon regolament 5(2)(l) **jiddefendi**, "***kull proċediment ġudizzjarju jew ta' arbitraġġ li jistgħu jkunu meħtieġa dwar xi kuntratt mogħti minnu"***. Inoltre, skont paragrafu (m)(i) għandu *"joħroġ sejħat għal offerti u **jagħti kuntratti** perjodiċi għall-forniment ta' tagħmir, provvisti, xogħlijiet jew servizzi li jkunu ta' xorta ta' użu komuni għall-Awtoritajiet Kontraenti elenkati taħt Skeda 2"*. Fl-istess sens kien l-avviż legali 296 tal-2010 (regolament 6). Il-proċeduri ta' arbitraġġ inbdew **fl-24 ta' Settembru, 2009**. Igħid x'igħid

l-appellant (ara argumenti f'paragrafi 32-36 tar-rikors tal-appell), kien hu li ta l-kuntratt lill-appellata. L-appellant isostni li l-ħtieġa ta' prezenza tiegħu *"... tiddependi biss jekk l-għajn tal-kontestazzjoni tkun ġejja minn xi għemil tiegħu"*. Il-qorti ma taqbilx ma' dak ir-raġunament. Ir-regolament hawn fuq ċitati huma ċari u ma jagħtu l-ebda indikazzjoni li l-involviment tad-Direttur tal-Kuntratti f'proċeduri ġudizzjarji jew arbitraġġ hu biss fejn il-kwistjoni *"tkun ġejja minn xi għemil tiegħu"*. Paragrafu (l) ma jagħmel l-ebda eċċezzjoni tax-xorta li ppropona l-appellat.

22. Dan apparti li l-ittra tal-1 ta' Diċembru, 2005 li bagħat lill-appellata hi l-aqwa prova li l-kuntratt ingħata mill-appellant. Fl-ebda parti minnha ma ta lill-kuntrattur x'jifhem li kien qiegħed jaġixxi għan-nom ta' awtorita' oħra u xejn iktar. M'huwiex fil-kompetenza ta' din il-qorti li terġa' toqgħod tikkunsidra l-provi u tiddeċiedi jekk it-Tribunal wasalx għall-konklużjoni korretta għal dak li jirrigwarda punti ta' fatt. It-Tribunal qal:

> *"Jiżdied biex jingħad ukoll illi meta nqala' d-diverbju, kien id-Direttur tal-Kuntratti u mhux il-WasteServ Malta Limited illi ħatar sotto kumitat biex jassistih jiżen il-claim tas-soċjeta rikorrenti. Importanti wkoll jingħad illi fit-tender document ma jirriżultax illi l-WasteServ kienet komparteċipi bħala ko-firmatarja tal-istess.* ***Illi allura, skont il-prinċipji ġenerali tad-dritt, it-Tribunal jifhem illi pacta sunt servanda u li l-kuntratti jorbtu lil dawk li jidħlu fihom****"*.

23. Dan il-bran hu fih innifsu konferma li dak li ddeċieda t-Tribunal fir-rigward jekk hemmx relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet fil-kawża, hu punti ta' fatt.

24. Il-Qorti żżid li fl-affidavit Francis Attard, id-Direttur Ġenerali tal-Kuntratti ta' dak iż-żmien, qal:

> ***'għal kwalsiasi talba li l-kuntattur jagħmel li teċċedi l-371,000m$^3$ id-Dipartiment tal-Kuntratti ma huwiex leġittimu kontradittur minħabba li d-direct orders ġew approvati mill-Ministeru tal-Finanzi****. Illi konsegwentement kwalsiasi talba li hija relatata mad-direct order ma tistax tkun mertu ta' dan l-arbitraġġ minħabba li tali xogħlijiet ma sarux taħt il-kappa ta' dan il-kuntratt.*
>
> *Illi f'dan ir-rigward nixtieq nagħmel referenza għall-ittra ppreżentata mis-soċjetà rikorrenti dwar it-talba sabiex wieħed jmur arbitraġġ u konsegwentment l-aċċettazzjoni tagħna għal dan l-arbitraġġ. Nixtieq f'dan ir-rigward niġbed l-attenzjoni li l-aċċettazzjoni tagħna kienet tirrigwarda it-talbiet relatati mal-kuntratt.'*

25. Il-kliem tad-Direttur tal-Kuntratti jista' jitqies bħala li ma kienx qiegħed jikkontesta li hu leġittimu kontradittur għallinqas safejn japplika il-kuntratt

CTNotice: 190/2005 bl-isem, *"Contract for the Loading and Transporting of Stored Inert Material (Enabling Works) Within the Magħtab Waste Management Complex l/o Naxxar and the Qortin Landfill, l/o Xagħra Gozo".*

26. L-appellant irrefera għar-**regolament 77 tal-Avviż Legali 177 tal-2005**, li hu identiku **għar-regolament 98 tal-Avviż Legali 299 tal-2003**. Jisħaq li dak ir-regolament jipprovdi li <u>fil-każijiet kollha fejn ordnijiet ta' varjazzjoni individwalment jew fit-totalità tagħhom jeċċedu b'iżjed minn ħamsa fil-mija l-valur tal-kuntratt li jingħata, **għandha tinkiseb l-approvazzjoni tiegħu minn qabel**</u>. Jargumenta li dak hu neċessarju sabiex tiġi żgurata ż-żamma ta' kompetizzjoni ġusta u għaliex huwa ma jistax japprova l-ebda bdil fil-kuntratt jekk il-benefiċjarju jew il-klijent tal-appalt stess ma jkunx qiegħed jaqbel ma' dik il-varjazzjoni. Għalhekk, l-ordni tal-varjazzjoni trid tkun ġejja mill-awtorità kontraenti. Iżda f'dan il-każ, il-kumpannija appellata għażlet li tadixxi direttament lilu biex tiġi approvata l-varjazzjoni pretiża minnha. Igħid li minflok skarta t-talba mill-ewwel, kif seta' għamel, ħatar *sotto-kumitat* li irrefera t-talba lill-*WasteServ Malta Limited.* Dik il-kumpannija ħadet il-posizzjoni li ma taqbilx mal-varjazzjonijiet li talab il-kuntrattur. Għalhekk huwa ma kellu l-ebda setgħa skont il-liġi li jistħarreġ dik il-varjazzjoni. Jgħid li l-istorja kienet tkun differenti kieku l-*WasteServ Malta Limited* qablet mal-varjazzjoni mitluba mill-appellata. Isostni li jekk l-appellata ħasset li r-rakkomandazzjoni tal-*WasteServ Malta Limited* ma kinitx waħda ġusta, hija kellha tindirizza dan l-ilment kontra tagħha u mhux kontra tiegħu. Jikkontendi li d-deċiżjoni tal-arbitraġġ iġġib fix-xejn l-iskop tar-regolament 77.

27. L-appellant għamel ukoll riferenza għar-regolamenti 254 u 256 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 174.04, li pero' ma kienux parti mil-liġi applikabbli fiż-żmien rilevanti. Regolamenti li minnhom l-appellant ma jista' jieħu l-ebda benefiċċju sabiex jikkonvinċi lill-qorti li kien imperattiv li l-appellant jintalab jagħti l-awtorizazzjoni tiegħu qabel sar ix-xogħol.

28. **Regolament 77 tal-Avviż Legali 177 tal-2005** jipprovdi:-

> *'77. (1) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tat-Taqsimiet IV, V, VI Sezzjoni A, VI Sezzjoni B, VI Sezzjoni Ċ u VII, fil-każijiet kollha* ***fejn ordnijiet ta' varjazzjoni individwalment jew fit-totalità tagħhom jeċċedu b'iżjed minn ħamsa fil-mija il-valur tal-kuntratt li jingħata, <u>għandha tinkiseb l-approvazzjoni minn qabel tad-Direttur qabel ma l-awtorità kontraenti tintrabat mal-kuntrattur</u>.***
>
> *(2) Meta tkun qed titlob approvazzjoni bħal dik,* ***<u>l-awtorità kontraenti għandha tippreżenta dokument</u> li jispeċifika l-isfond għall-kawża ta'***

*__dik il-varjazzjoni__, l-effett fuq l-ispiża totali ta' l-offerta u kull effett fuq in-nefqa rikorrenti li jirriżulta.*

*(3) Meta jkun qed jagħti jew jirrifjuta dik it-talba għal varjazzjoni, id-Direttur għandu jispeċifika x'ikun jidhirlu jekk dik il-varjazzjoni setgħetx tiġi evitata u l-proċedura li għandha fil-futur tiġi segwita mill-awtorità kontraenti biex jiġi evitat li dan jerġa' jiġri.*

*(4) Id-Direttur għandu jżomm notamenti sħaħ dwar talbiet għal varjazzjoni, inkluż l-isem tal-kuntrattur involut u dettalji tad-dokumenti speċifikati fis-subregolamenti (2) u (3).'*

29. It-Tribunal tal-Arbitraġġ ikkonkluda li, ***".... x-xogħol kollu ta' 518,000 metri kubi li sar mis-soċjeta rikorrenti għandu jitqies bħala xogħol li jaqa' taħt it-tender mertu ta' dan l-Arbitraġġ".*** Konklużjoni li wasal għaliha mill-fatti li semma fid-deċiżjoni (ara paġni 11-13 tad-deċiżjoni finali), u li din il-Qorti ma tistax tiddisturba ġialadarba hu punt ta' fatt li dwaru ma jeżistix dritt ta' appell.

30. Fir-rigward tar-**regolament 77 tal-Avviż Legali 177 tal-2005** fid-deċiżjoni jingħad:

*'Bir-rispett jidher mill-aktar ċar li dak ir-regolament jorbot lill-Contracting Authorities u lill-partijiet ikunu jridu jordnaw xogħol iżjed biex isir mill-kuntrattur, f'dan il-każ il-WasteServ u kien jorbot lill-WasteServ li jitlob il-permess tad-Direttur tal-Kuntratti jekk kien ser jeċċedi, kif eċċeda, il-volum tal-proġett għal aktar minn 5%. Jekk il-WasteServ ma talabx dan il-permess mingħand id-Direttur tal-Kuntratti, ma jistax dan in-nuqqas tal-WasteServ jiġi mputat lill-istess soċjetà rikorrenti u r-rabta bejn is-soċjeta rikorrenti u d-Direttur tal-Kuntratti tibqa inalterata ...'*

31. Mir-regolament 77 hu evidenti li kellha tkun WasteServ Malta Ltd li titlob għall-approvazzjoni tad-Direttur tal-Kuntratti (ara paragrafu (2) tar-regolament 77 li jibda bil-kliem, *"Meta __**tkun qed titlob approvazzjoni bħal dik, l-awtorita' kontraenti għandha**__ tippreżenta dokument li ......."*). Jekk f'dan ir-rigward kien hemm xi nuqqas, ma kellux ibagħtih il-kuntrattur. X'qiegħed jippretendi l-appellant, li dwar dak it-tibdil kellu joqgħod iħarrek lil WasteServ Malta Ltd f'proċeduri separati ? It-Tribunal ikkonkluda li kien hemm *extra works*, li jaqgħu taħt il-kuntratt li ta l-appellant. Il-fatt li kumpannija li fiha l-Gvern għandu l-*controlling interest* u li hi soġġetta għar-regolament dwar kuntratti pubbliċi, setgħet naqset milli tottjeni l-awtorizazzjoni tad-Direttur tal-Kuntratti hi materja li l-appellant irid jaraha mal-uffiċjali ta' dik il-kumpannija. Wieħed irid jiftakar li wara kollox dawn l-awtoritajiet huma parti mill-Gvern ta' Malta. Kwistjonijiet bejn entitajiet tal-Gvern m'humiex materji li jikkonċernaw lill-kuntrattur li ssupplixxa oġġetti jew ta servizz. Dan apparti li r-regolament 5(2)(l) hu ċar daqs il-kristall.

32. Permezz tat-**tieni aggravju** l-appellant isostni li ma jistax iwieġeb għal xogħlijiet żejda ordnati minn *WasteServ Malta Ltd* għal fuq in-*northern toe* tal-Magħtab. Isostni li dawk ix-xogħlijiet ma kienux imdaħħla fl-appalt mertu tas-sejħa 190/2005, iżda kien xogħol ordnat minn *WasteServ Malta Limited* għal rashom, bl-approvazzjoni tal-Ministeru tal-Finanzi bħala *direct order* u mhux bl-approvazzjoni tad-Direttur tal-Kuntratti. Billi għalhekk dawn ix-xogħlijiet kienu jaqgħu barra mill-appalt, il-pretensjoni għal dak il-ħlas ma kienx jaqa' taħt il-ftehim li bih kellu jseħħ l-arbitraġġ. L-appellant isostni li mis-somma finali ta' €1,052,180.66 likwidata mit-Tribunal tal-Arbitraġġ fuq xogħol ta' 518,000$m^3$, kellha titnaqqas is-somma ta' €298,591.81 valur tax-xogħol fl-ammont ta' 147,000$m^3$ li twettaq fin-*nothern toe* tal-Magħtab li ma kienx parti mill-ftehim.

33. F'dan ir-rigward Francis Attard, Direttur Ġenerali fid-Dipartiment tal-Kuntratti, xehed:

> *"Illi għal kwalsiasi talba li l-kuntrattur qed jagħmel li teċċedi il-371,000 m3 id-Dipartiment tal-Kuntratti ma huwiex il-leġittimu kontradittur* ***minħabba li d-direct order ġew approvati mill-Ministeru tal-Finanzi****. Illi konsegwentement kwalsiasi talba li hija relatata mad-direct order ma tistax tkun mertu ta' dan l-arbitraġġ minħabba li tali xogħlijiet ma sarux taħt il-kappa ta' dan il-Kuntratt".*

34. Pero' dan hu punt ta' fatt. Il-qorti ma tistax tasal għal xi konklużjoni mingħajr ma tagħmel apprezzament tal-provi li hemm fl-atti. F'dan l-aggravju l-appellant kontinwament jagħmel riferenza għal punti ta' fatt (ara paragrafi 57 sa 63), bħal per eżempju dak li xehed l-Inġinier Aurelio Attard u Saviour Gauci. Jinsisti li t-Tribunal għamel żball ta' fatt, għaliex ix-xogħol sar f'żoni oħra tal-Magħtab li ma kinux indikati fil-pjanti u diżinji tad-dokumenti tas-sejħa għall-offerti. Għalhekk isostni li x-xogħol kien differenti minn dak li dwaru l-appellata ingħatat il-kuntratt. Madankollu dan għandu x'jaqsam ma' apprezzament ta' provi u xejn iktar. Mill-artikolu 70A(3) hu ċar li dak it-tip ta' eżerċizzju ma jistax isir minn din il-qorti. Tant hu hekk li fejn hemm punt ta' liġi li dwaru parti tista' tappella, il-fatti jridu jkunu dawk li jirriżultaw mid-deċiżjoni (ara paragrafu (ċ) tal-artikolu 70A(3) tal-Kap. 387). Inoltre, mhux kull punt ta' liġi hu appellabbli. Irid ikun punt ta' liġi li t-Tribunal kien mitlub li jiddeċiedi dwaru jew li iddependa fuqu sabiex jasal għal deċiżjoni. Tant hu hekk li l-Artikolu 70B jagħmilha ċara li l-appell għandu:-

i. Jidentifika l-punt ta' liġi li dwaru għandha tittieħed deċiżjoni; u
ii. Ikun fih it-tifsira korretta li skont l-attur għandu jingħata lill-punt ta' liġi identifikat;

35. Il-kwistjoni dwar jekk ix-xogħlijiet li saru fuq in-*northern toe* tal-Magħtab kienux xogħlijiet barranin għall-appalt oġġett tas-sejħa 190/2005[1] jew jifformaw parti mit-tender, hi punt ta' fatt. Ma tistax tasal għal xi konklużjoni mingħajr ma tagħmel apprezzament tal-provi li hemm fl-atti. It-Tribunal ikkonkluda li x-xogħol li sar kien jaqa' taħt it-*tender* meritu tal-arbitraġġ. *Point of fact* determinat mill-*fact finder*, u mhux sindakabbli minn din il-qorti.

36. It-tieni aggravju jkompli billi l-appellant jerġa agħmel riferenza għar-regolament 98 tal-Avviż Legali 299 tal-2003 u regolament 77 tal-Avviż Legali 177 tal-2005. Isostni li sabiex issir varjazzjoni għall-kuntatt tal-ewwel ried ikun hemm approvazzjoni minn qabel tad-Direttur tal-Kuntratti. Pero' hawn ukoll il-qorti ma ssib l-ebda punt ta' liġi tat-tip li jissemma fl-artikoli 70A u kif spjegat fl-artikolu 70B, ġialadarba t-Tribunal ikkonkluda li l-approvazzjoni kellha tintalab minn WasteServ Malta Ltd u li tali nuqqas m'għandux jippreġudika d-dritt tal-kuntrattur li jitħallas. Ġialadarba ġie stabbilit:-

i. Li l-leġittimu kontradittur hu l-appellant;
ii. Fid-deċiżjoni finali, bħala fatt li x-xogħol fuq in-*nothern toe* tal-Magħtab kien parti mill-kuntratt li l-appellant ta lill-appellata;

il-fatt li WasteServ Malta Limited ma talbitx l-awtorizazzjoni tal-appellant, ma jippreġudikax il-jedd tal-appellata li titħallas ukoll għal dak ix-xogħol. Ma saret l-ebda riferenza għal xi disposizzjoni tal-liġi li matul iż-żmien rilevanti, kienet iċċaħħad lill-kuntrattur mill-jedd li jitħallas għal dak it-tip ta' xogħol li t-Tribunal ikkonkluda li kien *extra*.

37. **It-tielet aggravju** huwa dwar il-fatt li t-Tribunal tal-Arbitraġġ ordna li jingħata kumpens żejjed lill-kumpannija appellata għal xogħol li jsostni li ma kienx żejjed xejn iżda li kien jissemma fl-appalt oriġinali, skont it-taqsima 3.0 u l-Appendiċi A tad-dokument tas-sejħa. Għalhekk l-appellant isostni li kien hemm ksur tal-prinċipju ta' *pacta sunt servanda* (artikolu 992 tal-Kodiċi Ċivili). L-appellant għamel riferenza għall-provi li kellhom iwasslu lil din il-qorti sabiex taqbel mat-teżi tiegħu, li l-ħlas żejjed kien għal xogħol li diġa jissemma fil-kuntratt ta' appalt. Il-fatt li l-appellant invoka l-prinċipju ta' *pacta sunt servanda*, ma jfissirx li b'daqshekk l-aggravju hu dwar punt ta' liġi. Hawn ukoll l-appellant qiegħed jistieden lil din il-qorti sabiex tagħmel apprezzament tal-fatti. Fil-fatt hu jsostni li biex dak il-prinċipju jkun applikat, wieħed kellu jiddetermina x'kienet l-intenzjoni

[1] L-appellant isostni li dak ix-xogħol kien *direct order*.

u rieda tal-partijiet meta ftehmu. Pero' dak hu punt ta' fatt. Fil-fatt f'dan l-aggravju l-appellant għamel riferenza għat-Taqsima 3 tat-*tender document* u Appendiċi A mehmuż mat-*tender*. Dik il-parti tal-appell tar-rikorrent mhi xejn għajr *fact finding mission* li m'għandha x'taqsam xejn mal-punt ta' liġi li skont l-artikolu 70A jista' jsir appell dwaru. L-appellant ikkonkluda l-aggravju billi argumenta,

> *"95...... li l-kumpannija appellata f'dan l-appalt kellha tagħmel dawk il-ħwejjeġ kollha li kienu indikati f'dan l-Appendiċi A. Partikolarment hija kellha tagħmel dawk ix-xogħlijiet kollha li jinsabu indikati fil-paragrafu 25 ta' din in-nota* (*recte*, appell)........
>
> *99. Dan premess, huwa manifest mill-provi akkwiżiti li l-kumpannija appellata m'għamlet l-ebda xogħol li kien joħroġ 'l barra minn dak speċifikat mill-appendiċi tal-appalt. Magħdud ma' dan, meta l-kumpannija appellata ntalbet mill-WasteServ Malta Limited biex tbiddel il-method statement tagħha, hija ma kinitx qed tiġi mitluba tagħmel xogħlijiet żejda iżda għall-kuntrarju hija kienet qed tiġi sollecitata sabiex tbiddel il-metodu kif kienet ser taħdem, għaliex kif kien oriġinarjament dan il-metodu ma kienx ser jilħaq l-għanijiet speċifikati fl-appendiċi fuq imsemmi*
>
> *100. Tant kemm dan ix-xogħol kien inkluż mill-ewwel fl-appalt joħroġ mill-fatt li l-kumpannija appellata ma ressqitx it-talba għall-ħlas żejjed waqt li kienet qegħda twettaq l-appalt iżda ressqitha 'l fuq minn xahrejn wara li tlesta l-appalt, speċifikament fit-22 ta' Diċembru 2006 (ara Dok. D anness mal-affidavit ta' Francis Attard)".*

38. Dawk huma kollha argumenti dwar fatti u mhux punt ta' liġi li dwaru suppost l-appellant għandu jagħti *'t-tifsira korretta'* tiegħu (artikolu 70B). Għall-qorti l-ilment tar-rikorrent mhu xejn għajr li t-Tribunal naqas milli jikkunsidra punti ta' fatt li jirriżultaw mit-*tender document*. Dak mhux il-punt ta' liġi li jissemma fl-artikolu 70A(3) tal-Kap. 387.

39. **Ir-raba' aggravju** mibni fuq l-argument li l-kumpannija appellata ma setgħetx tfittex għall-kumpens żejjed, għaliex tneħħi x-xogħol barrani marbut man-*nothern toe* tal-Magħtab, qatt ma saret ebda talba jew ordni mill-awtoritajiet pubbliċi għat-twettieq ta' xogħol żejjed skont il-klawżola 4 tal-*General Conditions of Contract for the Execution of Works in Malta* li tipprovdi,

> *"The Contractor shall not receive payment beyound the contract sum for any work which he may consider that payment should be made as an extra, unless such work shall have been ordered as extra work, or unless the Contractor, before commencing such work, shall have claimed in writing that it should be paid for as an extra, and the Inspector or the Head of Department shall have certified in writing that the claim is reasonable and proper".*

40. Iżid jgħid ukoll li wkoll kieku stess kien hemm talba jew ordni għal xogħol żejjed, l-appellata ma ressqet l-ebda talba għal ħlas żejjed skont l-imsemmija klawżola 4 qabel bdiet u lestiet dawn ix-xogħlijiet allegatament addizzjonali. L-appellant qiegħed isostni li t-Tribunal injora dik il-klawżola fil-kuntratt.

41. Fid-deċiżjoni finali t-Tribunal tal-Arbitraġġ ikkonkluda li f'dan il-każ wieħed seta' jikkonkludi li x-xogħol kien *extra work* li ġie ordnat;

> *"Fiċ-ċirkostanzi preżenti, t-Tribunal isib, għar-raġunijiet ġja msemmija, illi l-bdil fix-xogħol, kemm fil-metodoloġija kif ukoll fejn il-kuntrattur ġie ordnat jagħmel xogħol skont l-Appendix 'A', li kien xogħol li jappartjeni lit-tieni kuntratt u mhux lill-ewwel kuntratt,* ***jista' anke jaqa' fil-parametri ta' such work as shall have been ordered as extra work****".*

42. Mela mill-provi t-Tribunal ikkonkluda li:-

   i. Sar *extra work* li kien sostanzjali, li kien jikkonsisti fit-tibdil ta' metodoloġija u ordni sabiex isir xogħol skont l-Appendiċi 'A';
   ii. Dak ix-xogħol *"jista' anke jaqa' fil-parametri ta' such work as shall have been ordered as extra work"*;

43. Konklużjoni li t-Tribunal wasal għaliha minn apprezzament ta' provi u mhux bażat fuq punt ta' liġi li kien mitlub jiddeċiedi jew mod ieħor iddependa fuqu biex jasal għad-deċiżjoni. Punt ta' fatt li m'huwiex appellabbli.

44. Imbagħad it-Tribunal kompla billi argumenta li f'kull każ kellu japplika l-prinċipju *omnia labor optat premium*, u għamel riferenza għall-ġurisprudenza fosthom is-sentenza **Nicky Saliba vs Kunsill Lokali Nadur** tat-2 ta' Marzu, 2010 (Qorti tal-Appell). Irrispettivament, taqbel jew ma taqbilx mal-posizzjoni li ħa t-Tribunal għal dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tal-imsemmi principju bi preferenza għall-prinċipju *pacta sunt servanda*, il-konklużjoni tat-Tribunal riprodotta fil-paragrafi preċedenti m'hijiex sindakabbli għaliex bażata fuq apprezzament ta' provi u għalhekk punt ta' fatt.

45. Għaldaqstant jekk għall-grazzja tal-argument l-appellant għandu raġun li t-Tribunal kellu japplika l-prinċipju ta' *pacta sunt servanda* bi preferenza għall-prinċipju *omnia labor optat premium*,[2] jibqa' l-fatt li t-Tribunal iddeċieda li x-

[2] L-appellant qiegħed jirreferi għal dik il-parti ta' klawżola 4 tal-*General Conditions* li taqra, "*The Contractor shall not receive payment beyound the contract sum for any work which he may consider that payment should be made as an extra* ....***unless the Contractor, before commencing such work, shall have claimed in writing that it should be paid for as an extra, and the Inspector***

xogħol *"jista' anke jaqa' fil-parametri ta' such work as shall have been ordered as extra work"*. Konklużjoni bażata fuq apprezzament ta' provi li ma tistax tinbidel ġialadarba m'hemmx appelli fuq punti ta' fatt. Għalhekk, ir-raba' aggravju ma jista' qatt jirnexxi u ta' xejn din il-qorti tesprimi ruħha dwar jekk it-Tribunal tal-Arbitraġġ kienx legalment korrett meta ddeċieda li japplika l-prinċipju *omnia labor optat premium* bi preferenza għall-prinċipju *pacta sunt servanda*.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kollha kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.

---

***or the Head of Department shall have certified in writing that the claim is reasonable and proper".***